MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. DEMICOLI AUDREY

Seduta ta' 18 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 2214/2002

**Avviz Numru 2214/02 AJD**
**Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta' estera 'The Performing Right Society Limited" ta' Londra**

**vs**

**Nicholsons The Supermarket Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta' Settembru, 2002, fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' mitejn u erbgha u hamsin lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm254.78) dovuti in kwantu ghal Lm221.55 'Royalty' u Lm33.23 Taxxa fuq il-Valur Mizjud, dovut bil-quddiem in konnessjoni mal-licenzja 9365 (Dok . A) rilaxxjata mis-socjeta' attrici a favur tas-socjeta' konvenuta rigwardanti l-istabbiliment ''Nicholsons Supermarket',

Sliema, ghall-perijodu mis-6 ta' Novembru 2001 sal-5 ta' Novembru 2002.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra legali tal-31 ta' Jannar 2002 u bl-imghax kummercjali dovut fuq is-somma mitluba mid-data tal-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv.

Ra li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata, baqghet ma dehritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda tal-PL Josette Attard in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonfermat li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' mitejn u erbgha u hamsin lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm254.78, bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' konvenuta skond il-Ligi.